**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Guramentat Nru: 1146/2022 GG**

**Innovation Labs Ltd (C-44130)**

**vs.**

**Genesis Holdings Limited (C-65314), Genesis Global Ltd (C-65325) u Genesis Promotions Ltd, socjeta registrata Gibilta' bin-numru 121010**

Illum 20 ta' April 2023

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat tas-socjeta' Innovation Labs Ltd (C-44130) ippreżentat quddiem din il-Qorti fil-5 ta' Dicembru 2022 li bih, wara li ppermettiet illi s-socjetajiet intimati huma debituri *in solidum* taghha fl-ammont ta' tnejn u tletin elf seba mija u sebghin euro u erbghin centezmu, (€32,770.40) rapprezentanti servizzi ta' marketing digitali prestati lilhom kif jirrizulta mid-Dok B liema huwa cert, likwidu u dovut u li debitu fil-fehma taghha l-istess socjetajiet ma ghandhomx eccezzjonijiet x'taghtu, talbet li din il-Qorti sabiex:

(1) **Taqta' u Tiddeciedi** t-talba tas-scjeta' rikorrenti u tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta u cioe' bid-dispensa tas-smiegh;

(2) **Tiddikjara** illi s-socjetajiet intimati huma debituri tas-socjeta' rikorrenti tal-imsemmija somma ta' tnejn u tletin elf seba mija u sebghin euro u erbghin centezmu, (€32,770.40);

(3) **Tikkundanna** lis-socjetajiet intimati *in solidum* bejnithom ihallsu lis-socejtajiet rikorrenti l-imsemmija somma ta' tnejn u tletin elf seba mija u sebghin euro u erbghin centezmu, (€32,770.40);

Bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluz tal-mandati kawtelatorji Ref Nru 1546/2022 fl-ismijiet premessi, kontra l-intimati;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Dicembru 2022 li bih appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-seduta tas-17 ta' Jannar, 2023 fil-11.45 am b'ordni li s-socjetajiet konvenuti jidhru f'dak il-jum u jwiegbu ghat-talba tas-socjeta' attrici u, fin-nuqqas, il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih il-kawza billi tilqa' t-talba tal-attrici, kif ukoll ordnat n-notifika tar-Rikors Mahluf u tal-Avviz tas-smigh tal-kawza lill-partijiet;

Rat illi s-socjetajiet konvenuti kienu debitament notifikati bir-rikors guramentat u bl-avviz ta' smigh bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni permezz ta' avviz fil-Gazzetta tal-Gvern u zewg gurnali lokali, wiehed minnhom bl-ilsien Ingliz;

Rat illi minkejja d-debita notifika tal-avviz ta' smigh, s-socjetajiet intimati baqghu ma deherux ghall-udjenza tat-19 t'April, 2023 sabiex jgharrfu lill-Qorti jekk kellhomx xi eccezzjonijiet validi xi jressaqu sabiex jikkontestaw t-talbiet ghal-hlas imressqa mir-rikorrent wisq anqas ipprezentaw nota fir-registru fit-termini tal-artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 sabiex jattakkaw l-procedura intentata bhala wahda mhux regolai jew li ma tghoddx ghal kaz;

**Ikkunsidrat:**

1. Illi permezz ta' rikors guramentat, s-socjeta' attrici allegat illi hija prestat servizzi ta' marketing digitali lis-socjetajiet konvenuti. Mitluba sabiex thallas ta' dawn is-servizzi, l-istess socjetajiet baqghu inadempjenti u ezebiet kopja tal-Affiliat Agreement u Statement in sostenn tal-pretensjonijiet taghha;

2. Illi rapprezentant tas-socjeta' attrici kkonferma bil-gurament fl-udenza tad-19 t'April, 2023 illi minn meta kienu ntavolati l-proceduri odjern sad-data tal-udjenza, l-ammont baqa' dovut u ma kien hemm komunikazzjoni minn naha tas-socjetajiet konvenuti;

3. Illi s-socjetajiet' intimati qed jitqiesu bhala kontumaci bin-nuqqas ta' kontestazzjoni tal-pretensjonijiet tar-rikorrent liema pretensjonijiet huma sodisfacentement pruvati quddiem din il-Qorti fl-ammont ta' tnejn u tletin elf seba mija u sebghin euro u erbghin centezmu, (€32,770.40);

4. Illi kwantu t-talba ghall-kundanna u hlas tal-imghax, r-rikorrenti ma ressaq ebda prova ta' interpellanza permezz ta' att

gudizzjarju u ghalhekk huwa r-rikors promutur li ghandu jitqies bhala l-att gudizzjarju rikjest mil-ligi u fil-kaz odjern id-data tan-notifika ghandha titqies bhala d-data li fiha is-socjeta' intimata kienet interpellata sabiex thallas l-ammont pretiz u li fdan il-kaz illi l-aktar data fil-qrib tal-gurnal li fih kien pubblikat l-avviz, jigifieri fis-6 ta' Marzu, 2023;

**Decide:**

Ghalhekk ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

**Tilqa** <u>l-ewwel talba</u> tar-rikorrenti sabiex din il-Qorti tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa ta' smigh skond l-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta; u

**Tilqa'** <u>t-tieni talba</u> tas-socjeta' attrici u b'hekk tiddikjara lis-socjetajiet konvenuti debituri in solidum tas-socjeta' attrici f'dan l-ammont;

**Tilqa** <u>it-tielet talba</u> u tikkundanna lill istess socjetajiet konvenuti ihallsu *in solidum* s-somma ta' tnejn u tletin elf seba mija u sebghin euro u erbghin centezmu, (€32,770.40 bl-imghax bit-8 fis-sena li jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tar-rikors mahluf, jigifieri l-aktar data ricenti li tidher fil-gurnali li fih kienu pubblijkati l-avvizi ta' smiegh li f'dan il-kaz hija s-6 ta' Marzu, 2023 sad-data tal-hlas effettiv;

**Tordna** wkoll li l-ispejjez kollha marbuta ma' dawn il-proceduri jithallsu kollha kemm huma mis-socjetajiet' konvenuti in solidum.

Onor. Dr. Giovanni M Grixti

Imħallef

---

**Nicole Cini**

**Għad-Deputat Reġistratur**